

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/478

tal-1 ta' April 2020

li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 li jstabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, sal-1 ta' Jannar 2018 il-Kummissjoni kellha tistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid awtorizzat jew notifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (2) Il-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid awtorizzat jew notifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 ġiet stabbilita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽³⁾.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1023 ⁽⁴⁾ ikkoreġa r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 u ssostitwixxa l-Anness tiegħu sabiex jinkludi għadd ta' ikel ġdid awtorizzat jew notifikat mhux inkluż fil-lista tal-Unjoni inizjali.
- (4) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1023, l-operaturi tan-negozju tal-ikel identifikaw żball addizzjonali fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 u nnotifikaw lill-Kummissjoni dwaru.
- (5) Il-korrezzjoni hija meħtieġa biex tiġi pprovduta ċarezza u ċertezza tad-dritt għall-operaturi tan-negozju tal-ikel u għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, u b'hekk ikun hemm lok għall-implimentazzjoni u għall-użu kif support tal-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid.
- (6) Iż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. (T18) ġie awtorizzat bħala ikel ġdid permezz tal-proċedura ta' notifika skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 258/97. Fl-ispeċifikazzjonijiet taż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. (T18), il-valur tal-aċidu indikat huwa b'mod żbaljat $\leq 0,5$ mg KOH/g minflok il-valur korrett ta' $\leq 0,8$ mg KOH/g. Il-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 indikat l-istess valur żbaljat.

⁽¹⁾ ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti ġodda tal-ikel (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1023 tat-23 ta' Lulju 2018 li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 li jstabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid (ĠU L 187, 24.7.2018, p. 1).

- (7) Għaldaqstant, l-ispeċifikazzjonijiet taż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. (T18) relatati mal-valur tal-aċidu fit-Tabella 2 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti kif xieraq.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa kkoreġut f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470, l-entrata għaż-żejt tas-Schizochytrium sp. (T18) hija sostitwita b'dan li ġej:

Ikel ġdid awtorizzat	Speċifikazzjoni
"Żejt tas-Schizochytrium sp. (T18)	Valur tal-aċidu: $\leq 0,8$ mg KOH/g Valur tal-perossidu (PV): $\leq 5,0$ meq/kg żejt Ndewwa u volatili: $\leq 0,05$ % Materjal insaponifikabbli: $\leq 3,5$ % Aċidi xaħmin trans: $\leq 2,0$ % Aċidi xaħmin liberi: $\leq 0,4$ % Kontenut ta' DHA: ≥ 35 %"